**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA**

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 62

**6 ta' Marzu 2017**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg– Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar– Kunsillier
Liam Gauci– Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
Anthony Buttigieg– Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja– Kunsillier
Herbert Conti– Kunsillier
John Mizzi– Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
John Borg - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Fleur De Lys

**ASSENTI**

Dr.Josianne Cardona Gatt – Kunsillier
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sur Kaylocke Buhagiar u s-Sinjura Marie Claire Zammit.

Għal din il-laqgħa ma kienx hawn il-preżenza tal-pubbliku.

**62.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

62.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

62.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-ittra ta' apoloġija ta' Dott. Francesca Zarb, *chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur de Lys. Din l-apoloġija ġiet aċċettata.

**62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

62.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 60 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg, il-minuti ġew approvati bħala dokumenti korretti.

62.2.2 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 61 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet pero' l-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami talab lis-Segretarju Eżekuttiv jikkjarifika mad-Dipartiment jekk f'laqgħat ta' urġenza jiġux applikati l-istess regoli ta' attendenza. Huwa talab ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv jiċċekkja għandiex tinqata' taxxa fuq l-*allowance* tal-Kunsilliera. Il-minuti ġew approvati bħala dokumenti korretti fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mil-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja.

62.2.3 Fis-6.07pm daħal fil-Kamra l-Kunsillier is-Sur John Mizzi.

**62.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

62.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li ġejna avviċinati mill-kumpanija *creolabs* dwar l-ideja li jsir proġett pilota f'Birkirkara bit-tema "Birkirkara Community Innovation Centre" fejn il-kumpanija flimkien mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni se torganizza *taster sessions* lil madwar 300 student fuq ħsieb kreattiv u innovazzjoni. *Creolabs* talbet lill-Kunsill jagħmel tajjeb għal xi spejjeż u jkun *partner* uffiċċjali. Żvolġiet diskussjoni u s-Sindku qalet li filwaqt li naqblu, għandna nippruvaw inkopru xi spejjeż mid-Dipartiment ukoll.

62.3.2 Fis-6.10pm daħal fil-Kamra l-Kunsillier is-Sur John Borg.

62.3.3 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech infurmat lill-Kunsill b'ittra ta' riżenja ta' persuna mill-istaff, u din trid issa li tiġi *replaced*.

**62.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

62.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit talbet illi meta jkun hemm laqgħat ma' residenti ta' toroq partikolari, jkunu infurmati l-Kunsilliera kollha. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li ma kelliex oġġezzjoni u talbet lis-Segretarju biex joħroġ *memo* lill-membri ta' l-istaff.

62.4.2 Il-Kunsillier is-Sur John Borg qal illi Triq l-Imrieħel fuq ġewwa hemm sitwazzjoni diżastruża u ilu jgħid lir-residenti li se joħroġ it-tender tal-*patching*. Hu staqsa fhiex wasal. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-tender se jinfetaħ il-ġimgħa d-dieħla.

62.4.3 Il-Kunsillier is-Sur John Borg reġa' lmenta dwar l-istat tal-latrini u qal li qed inħallsu flus ta' xejn għax mhumiex jitnaddfu u hemm trabijiet u kallijiet ta' snin sħaħ li qatt ma tnaddfu. Il-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja qal illi qed iseħħ il-vandaliżmu wkoll għax ġie li nsewwu u jitkisser l-għada apparti li hemm nies li jieħdu xawer ġo fihom ukoll. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li l-latrini ta' ħdejn il-bażilika u tal-Wied se jitkissru u jitranġaw mill-flus li ħadna mill-fond kapitali tad-Dipartiment. Wara li kien hemm diskussjoni dwar x'se jiġri sakemm isir ix-xogħol, kien hemm qbil li jiġu provduti *mobile toilets*.

62.4.4 Fis-6.15pm daħal fil-kamra l-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla.

62.4.5 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal li kellu talba min-nies li jiġu ċ-ċentru ċiviku biex tiġi installata magna tal-kafe'. Kulħadd qabel ma' din l-ideja.

**62.5 Rapport ta' Bordijiet ta' Evalwazzjoni**

62.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni dwar it-tender BLC002-2017 li jirrigwardja tabelli u sinjali tat-traffiku. Il-bord irrakomanda li t-tender jingħata lil Koperattiva Tabelli u Sinjali li tefa' l-irħas offerta kompluta. Kien hemm konkorrent li ġie skwalifikat minħabba li ma tefax il-prezzijiet kollha u konkorrent li kien iktar għoli. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu illi t-tender jingħata lil Koperattiva Tabelli u Sinjali.

62.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni dwar it-Trasport ta' l-Anzjani. Il-Bord ta' Evalwazzjoni rrakomanda illi t-tender jingħata lil Brian Galea li minn żewġ konkorrenti kellu l-uniku tender komplut. Il-membri tal-Kunsill qablu nem. con.

62.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport ta' ri-evalwazzjoni għat-tender tal-ġbir ta' skart minn wara l-bibien ta' djar residenzjali BLC2/2015. Is-Segretarju qal illi l-bord eżamina t-tenders mill-ġdid u l-bord reġa' rrakomanda illi t-tender jingħata lil WM Environmental li tefa' l-irħas offerta.

**62.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

62.6.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Ħadd ma sab oġġezzjonijiet.

62.6.2 Rigward l-iskeda ta' pagamenti Numru 45, il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami saqsa dwar il-ħlas lill-Perit William Lewis. (Numru 95). Hawnhekk żvolġiet diskussjoni u s-Segretarju se jressaq l-*invoice* indikata fil-laqgħa li jmiss flimkien ma' l-informazzjoni kollha.

62.6.3 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami semma pagament 83 għall-ammont ta' 330 Euro lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għal Laqgħa Plenarja u saqsa jekk dawk li ħallasna għalihom attendewx jew le. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-unika problema kienet tas-Sur Anthony Buttigieg li kellu problema medika. Dawn il-flus se jipprova jirkupraħom mill-Assoċjazzjoni. Is-Sur Anthony Buttiġieġ iddikjara illi jekk ma ningħatawx refużjoni, jagħmel tajjeb ghalihom hu.

62.6.3 Apparti minn dawn il-mistoqsijiet, l-iskeda tal-pagamenti għaddiet bla oġġezzjoni.

**62.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.45pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 10 ta' April 2017 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 10 ta' April 2017.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

Joanne Debono Grech
Sindku

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv